**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* I.G.I. Srl

*Konvenuti:* Maria Grazia Cicenia, Mario Di Pierro, Salvatore de Vito, Antonio Raffaele

**Domandi preliminari**

1) Il-kredituri tal-kumpannija diviża, li l-interessi ta' kreditu taghhom huma preċedenti d-diviżjoni, li ma użawx ir-rimedju li jressqu oppożizzjoni skont l-Artikolu 2503 tal-codice civile (il-Kodiċi Ċivili) (u għaldaqstant l-istrument ta' protezzjoni introdott għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 12 tad-Direttiva [82/891/KEE]) ([1]), jistgħu jużaw l-azzjoni revokatorja skont l-Artikolu 2901 tal-codice civile wara li tkun ġiet implimentata d-diviżjoni, sabiex din tal-aħħar tiġi ddikjarata ineffettiva fil-konfront tagħhom, u, għaldaqstant, li jkollhom preċedenza fl-azzjoni ta' eżekuzzjoni fuq il-kredituri tal-kumpanniji benefiċjarji kif ukoll li jkollhom pożizzjoni ta' preċedenza fuq l-azzjonisti ta' dawn tal-aħħar?

2) Il-kunċett ta' nullità, li huwa previst fl-Artikolu 19 tad-direttiva, jirreferi biss għall-azzjonijiet li jaffettwaw il-validità tal-att ta' diviżjoni jew anki dawk li, għalkemm ma jaffettwawx il-validità tiegħu, jiddeterminaw il-fatt li jkun ineffikaċi b'mod relattiv jew li ma jkunx infurzabbli?

([1]) Sitt Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE tas-17 ta' Diċembru 1982 ibbażata fuq l-Artikolu 54(3)(ġ) tat-Trattat dwar id-diviżjoni ta' kumpanniji b`responsabbilta pubblika limitata (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 50)

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio (l-Italja) fl-14 ta' Ġunju 2018 – Tim SpA – Direzione e coordinamento Vivendi SA vs Consip SpA, Ministero dell'Economia e delle Finanze**

**(Kawża C-395/18)**

(2018/C 301/22)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Tim SpA – Direzione e coordinamento Vivendi SA

*Konvenuti:* Consip SpA, Ministero dell'Economia e delle Finanze

**Domandi preliminari**

1) L-Artikoli 57 u 71(6) tad-Direttiva 2014/24/UE ([1]), jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħall-Artikolu 80(5) tad-decreto legislativo n. 50 del 2016 (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 50 tal-2016), li tipprevedi l-esklużjoni tal-operatur ekonomiku offerent fil-każ li tiġi kkonstatata, fl-istadju tas-sejħa għal offerti, raġuni għal esklużjoni li tirrigwarda lil subappaltatur li jagħmel parti mit-tliet subappaltaturi indikati fl-istadju tal-offerta, minflok ma timponi lill-offerent is-sostituzzjoni tas-subappaltatur indikat?

2) Sussidjarjament, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-possibbiltà tal-esklużjoni tal-offerent hija fost dawk permessi lil Stat Membru, il-prinċipju ta' proporzjonalità, iddikjarat fl-Artikolu 5 tat-Trattat UE, li għalih isir riferiment fil-"*premessa*" 101 tad-Direttiva 2014/24/UE u li huwa indikat bħala prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni Ewropea mill-Qorti tal-Ġustizzja, jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħall-Artikolu 80(5) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 50 tal-2016, li tipprevedi li, fil-każ li tiġi kkonstatata, fl-istadju tas-sejħa għal offerti, raġuni għal esklużjoni li tirrigwarda subappaltatur indikat, fi kwalunkwe każ jiġi eskluż l-operatur ekonomiku offerent, anki fejn ikun hemm subappaltaturi oħra mhux esklużi u li jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-eżekuzzjoni tas-servizzi li għandhom jiġu ssubappaltati jew fejn l-operatur ekonomiku jiddikjara li jirrinunzja għas-subappalt, inkwantu jkollu l-mezzi sabiex jeżegwixxi s-servizzi huwa stess?

---

([1]) Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU 2014, L 94, p. 65).

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hof van Cassatie (il-Belġju) fit-18 ta' Ġunju 2018 – Infohos vs L-Istat Belġjan

**(Kawża C-400/18)**

(2018/C 301/23)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Hof van Cassatie

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Infohos

*Konvenut:* L-Istat Belġjan

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 13A(1)(f) tad-Direttiva 77/388/KEE ([1]) tas-17 ta' Mejju 1977, li sar l-Artikolu 132(1)(f) tad-Direttiva 2006/112/KE ([2]) tat-28 ta' Novembru 2006, għandu jiġi interpretat fis-sens li jawtorizza lill-Istati Membri li mal-eżenzjoni stabbilita minnu tiżdied kundizzjoni ta' esklużività li għandha bħala effett li grupp awtonomu li jipprovdi wkoll servizzi lil persuni mhux membri jkun suġġett b'mod sħiħ għall-VAT, anki għas-servizzi li jipprovdi lill-membri tiegħu?

---

([1]) Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23).

([2]) Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ta' 28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1).

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fil-15 ta' Ġunju 2018 – Tedeschi Srl għan-nom tagħha u fil-kwalità ta' mandatarju ta' Rti, Consorzio Stabile Istant Service għan-nom tiegħu u fil-kwalità ta' mandatarju ta' Rti vs C.M. Service Srl, Università degli Studi di Roma La Sapienza

**(Kawża C-402/18)**

(2018/C 301/24)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Stato